**Qorti tal-Appell Kriminali**

**2nor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 8111/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Saviour Ellul**

**Illum, 26 ta' Gunju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Saviour Ellul** detenur tal-karta tal-identita Maltija **812557M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għax-xhur mill-1 ta' Lulju, **2022 sat 2 ta' Settemru, 2022 ;**

1. Meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li tagħti lil **martu Caterina Ellul u/jew uliedu s**-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għalija u ghal jew ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-29 ta' Jannar 2024 , fejn wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 12, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 338(z) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta **sabet lill-imputat qua appellant ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u ikkundannatu għal xahar detenzjoni.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Saviour Ellul, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Frar 2024.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registu ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Marzu 2024.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Rat dak li gie verbalizzat quddiemha nhar l-24 ta' Gunju 2024 u cioe fejn il-parte civile iddikjarat li b'referenza ghal din il-kawza odjerna hija irceviet il-manteniment dovut u dan fil-mori ta dan l-appell permezz ta' cekk numru 454 u 456 mahrug mill-BOV.

In sintonija mas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizija [Spettur Josric Mifsud] vs Francis Saliba</u>** jinghad li hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar il-kwistjoni ta'manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' detenzjoni ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni finanzjarja rigward din il-kawza ta' bejn l-appellant u martu Caterina Ellul l- ġiet definittivament riżolta,.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' xahar detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-

ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta′ pagament ta′ rata ta′ manteniment jikkostitwixxi reat separat u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm mhux anqas minn tmien nuqqas ta′ pagament.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa′ l-appell tal-imputat appellant Saviour Ellul billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill-istess appellant għal xahar detenzjoni u minflok tikkundannah għall-ħlas ta′ ammenda komplessiva fl-ammont ta′ mitt euro (€100) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill-imputat Saviour Ellul jħallas l-ammenda imposta fuqu b′din is-sentenza ratalment bir-rata ta′ hamsa u għoxrin euro (€25) fix-xahar, bl-ewwel rata pagabbli llum, b′dan li fin-nuqqas ta′ pagament l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih.

Il-Qorti tordna notifika ta′ din is-sentenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tara li l-ammenda inflitta tigi hekk rekuperata.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onorevoli Imhallef**